**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed u Ħamsin (51)**

**19 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

51.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**51.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-14 ta' Ġunju 2022**

51.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 50 li saret nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2022.

**51.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

51.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Huwa qal li kien fadal xi problema bit-tappiera li hemm fi Triq Marsalforn kantuniera ma' Triq Masri pero' din għandha tiġi solvuta mill-kuntrattur fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku qal li sadanittant qed nistennew stima min-naħa tal-Perit Edward Scerri għax-xogħol li fadal isir fl-aħħar parti ta' Triq Marsalforn.

51.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li qed noqorbu ghall-pubblikazzjoni tat-*tender* tal-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' tagħna.

Fil-preżent, dan id-dokument qed jiġi ivvettjat mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Is-Sindku qal li, skont ma ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, qed nistennew stima riveduta min-naħa tal-Perit Edward Scerri rigward dan il-proġett. Dan sabiex eventwalment issir talba għal fondi addizjonali min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu din it-talba ġaladarba jkollna l-istima aġġornata.

51.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma temmet ix-xogħol li kellu jsir fuq il-manutenzjoni tas-sistema tad-drenaġġ fi Triq Marġa.

Is-Sindku qal li d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għal Għawdex infurmatu li x-xogħol li fadal isir f'din it-triq ser isir mill-Ministeru għal Għawdex fix-xhur li ġejjin. Ser nagħmlu laqgħa urġenti magħha sabiex naraw eżattament meta ser isir dan ix-xogħol tant meħtieġ f'din il-parti tat-triq li issa saret perikoluża.

51.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2022 ser tagħlaq is-sejħa għall-offerti pubbliċi għax-xogħol ta' rinnovazzjoni fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dan ix-xogħol ser ikun iffinanzjat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-offerti sottomessi, liema bord ikun iffurmat mis-Sur William Sultana bħala *chairman*, il-Perit Johann Camilleri, l-avukat Dr. Larry Formosa LLD u l-*accountant* Anthony Farrugia bħala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord.

51.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerti sottomessi għax-xiri ta' *low emission truck* għall-użu tal-Kunsill qed iressaq ir-rapport tiegħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li l-unika offerta li ġiet sottomessa kienet *administratively* u *technically compliant* pero' kienet *overbudget* b'€ 2000 VAT eskluża. Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju innota li qabel tiġi approvata din l-offerta, il-Kunsill irid jikkommetti € 2000 mill-

allokazzjoni finanzjarja annwali tiegħu sabiex jagħmel tajjeb għal din id-differenza.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din ir-rikjesta minħabba din iċ-ċirkustanza u sabiex jiġi evitat li din is-sejħa terġa' tinħareġ għat-tielet darba. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni u għaldaqstant ser nipproċedu bl-għoti ta' din l-offerta pubblika.

51.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimanent li għandha tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-kwotazzjonijiet li jiġu sottomessi, liema bord ikun iffurmat mis-Sur William Sultana bħala *chairman* u l-avukat Dr. Larry Formosa LLD u l-*accountant* Anthony Farrugia bħala *evaluators*.

Is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lil Transport Malta sabiex tipprovdi servizz ta' uffiċjal mit-8.00pm sa nofs il-lejl bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħamis 8 ta' Settembru ħdejn il-Każin tax-*Xagħra United Football Club* fi Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono u jiġu provduti *mobile toilets* f'dawn l-inħawi.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jassistina fit-tindif ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u toroq oħrajn waqt il-ġimgħa tal-festa.

51.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għall-permessi tal-bejjiegħa li jarmaw temporanjament fil-ġranet tal-festa.

Wara l-esperiment li kien sar fis-sena 2019 li fih il-*kiosks* li jbiegħu *fast food* ġew rilokati minn Vjal it-Tmienja ta' Settembru għall-parti ta' isfel tal-*playing field* fl-istess triq bil-għan li ma joħolqux inkonvenjent għar-residenti, il-Kunsill qabel li għal din is-sena għandna nadottaw l-istess proċedura.

Il-Kunsill afferma l-pożizzjoni tiegħu li l-permessi lil dawn il-bejjiegħa jinħarġu biss skont il-permess tat-*Trade Licensing Unit* u ma jinħarġux permessi għal *bars* fuq il-bankina peress li dawn huma kontra l-Liġi.

51.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol tat-taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza Il-Vitorja jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Dan ix-xogħol ser iwassal sabiex il-pjanti li jinsabu fil-*pots* madwar Pjazza l-Vitorja ser ikunu qed jissaqqew b'mod awtomatiku.

Is-Sindku qal li għadna qed nistennew stima mingħand il-kuntrattur Richard Cauchi għax-xogħol li fadal isir fuq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għandna ninsistu mal-kuntrattur sabiex jikkonkludi x-xogħol sal-festa ta' Marija Bambina.

51.3.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 18 ta' Awwissu 2022 jaħbat għeluq l-ewwel ċentinarju minn meta l-Parlament Malti iddikjara l-Jum tat-Tmienja ta' Settembru bħala Jum ta' Festa Nazzjonali. Huwa qal li dan l-avveniment m'għandux jitħalla għaddej mingħajr ma ssir ċelebrazzjoni kommemorattiva.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dakinhar stess, fit-8.15pm, issir ċerimonja kommemorattiva qasira li tkun tinkludi żewġ diskorsi mill-awtur Għawdxi Charles Bezzina u l-istoriku Għawdxi Mons. Joseph Bezzina rigward dan l-avveniment. Din iċ-ċerimonja ser issir fi Pjazza Il-Vitorja dritt qabel ma tibda s-serata organizzata mix-*Xagħra Historical Re-enactment Organisation* u l-attivita' mużikali organizzata mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li għandna naraw jekk l-Arċipriet jixtieqx jagħmel lapida li tfakkar dan l-avveniment storiku.

51.3.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li matul il-ġimgħat li għaddew kellna diversi problemi relatati mal-ġbir tal-iskart fil-lokalita' tagħna. Dan wassal sabiex għal diversi jiem, l-iskart ma kienx qed jinġabar kif suppost u kawża ta' dan, l-uffiċċju tal-Kunsill kien qed jirċievi ilmenti kontinwi.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ *default notice* skont kif jistipula l-ftehim kuntrattwali li għandna mal-kuntrattur għal dan is-servizz.

51.3.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju 2022 inharget applikazzjoni mill-*Gozo Action Group* ghal progetti infrastrutturali f'Ghawdex li jinkoraggixxu aktar turizmu lejn Ghawdex (Miżura 3). Din l-applikazzjoni taghlaq f'nofsinhar tal-Hamis 28 ta' Lulju 2022.

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ikkuntattjaw lill-Kumitat tas-Socjeta' Filarmonika *Victory*, lix-*Xaghra United Football Club* u lix-*Xaghra Scouts Group* rigward il-possibilita' li napplikaw bi progett kongunt ghal din il-Mizura. Dan peress li l-kundizzjonijiet tal-mizura jobbligaw lill-applikanti li jridu jkunu f'*partnership* maghmul minn minimu ta' tliet entitajiet: Kunsill Lokali, *business operator* u Ghaqda Mhux Governattiva (NGO).

Is-Sindku qal li l-Kumitat tal-Banda *Victory* u x-*Xaghra Scouts Group* accettaw li japplikaw mal-Kunsill sabiex jaghmlu xoghol ta' *refurbishment* fis-sala principali tal-Kazin u x-xiri ta' hmistax-il kamp li jintuzaw ghall-kampijiet tal-i*scouts* rispettivament. Min-naha tal-Kunsill ser napplikaw sabiex norganizzaw attivita' kulturali f'Mejju tas-sena li gejja.

51.3.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hemm bzonn urgenti ta' restawr fuq il-kaxxa tat-telefon li tinsab fi Pjazza Il-Vitorja.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nkellmu lill-kumpanija *GO plc* biex naraw xi pjanijiet hemm ghal din il-kaxxa tat-telefon bil-ghan li titranga mill-aktar fis possibbli.

51.3.13 Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-awdituri fi tmiem il-proċess tal-awditjar tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021. Din ir-risposta ser tintbagħat lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, lill-awdituri tal-Kunsill u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

51.4.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius innota li waħda mis-siġar ta' Ġuda li hemm fi Pjazza Il-Vitorja nixfet u mietet. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Thomas Xerri sabiex jibdilha.

51.4.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi żvilupp kien hemm fuq it-talba li saret xi xhur ilu rigward l-estensjoni tas-servizz tal-*wi-fi* b'xejn fi Pjazza Il-Vitorja. Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-kumpanija Tech.mt rigward din il-materja.

51.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq iz-*zebra crossing* li kellha ssir fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Hu qal li rċieva diversi ilmenti mir-residenti rigward ix-xogħol li sar quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Direttur Elsie Caruana min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex rigward din il-materja.

## 51.5 Qari tal-Korrispondenza

51.5.1 Ċirkulari numru 059/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Plenary Conference – Transport Park & Ride'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.2 Ċirkulari numru 060/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Plenary Conference – Transport Fast Ferry'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.3 E-mail mingħand Collette Claude, *fitness instructor*, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li l-ħlas għall-*fitness classes* huwa ta' € 5 kull persuna. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena m'għandhomx jiġu organizzati dawn il-*fitness classes*.

51.5.4 E-mail mingħand Jean Paul Cefai, uffiċjal ta' Transport Malta, li fiha qed jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex issir pjanta bil-kaxxi tal-*parkings* għal Triq

Marija Bambina. Il-Kunsill innota li din il-pjanta għandha ssir minn Transport Malta.

51.5.5 Ċirkulari numru 061/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Rimborż tal-ġbir ta' skart organiku'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.6 E-mail mingħand Sylvie Derrien, rappreżentanta tal-Kumitat tal-Ġemellaġġi ta' Chevaigné, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li, minħabba ċirkustanzi li m'għandhomx kontroll fuqhom, il-festival li kellu jsir f'Chevaigné f'Ottubru 2022 ġie pospost għas-sena 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.7 E-mail mingħand Yosef Magro, *manager* tal-GAGF, b'informazzjoni dwar żewġ sejħiet tal-Miżura 2 u Miżura 3 tal-Programm LEADER. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.8 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.9 E-mail mingħand Carrie Bugeja, rappreżentanta tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-*OASI Cup Run and Walk* li ser issir f'diversi lokalitajiet Għawdxin nhar il-Ħadd 2 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

51.5.10 E-mail mingħand Matthew Mifsud, rappreżentant tal-Aġenzija Żgħażagħ, li fiha qed jistieden lill-Kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ sabiex jattendi għal attivita' li ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju mill-5pm sat-8pm fil-bini tal-Aġenzija f'Santa Venera. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.11 Ċirkulari numru 062/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Launch of the new part-time, evening course leading to a B.A. (Hons.) in Adult Education, Training and Development'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.12 E-mail mingħand il-*Fondazione De Finibus Terrae* li fiha qed jistiednu rappreżentanza mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra (inkluż żewġ żgħażagħ)

sabiex tipparteċipa fl-attivita' li jmiss relatata mal-proġett FUTHURE li ser issir bejn it-Tnejn 9 u l-Ħadd 14 ta' Awwissu 2022. Il-Kunsill innota li diġa' ġew magħżula ħames żgħażagħ Xagħrin li ser jipparteċipaw f'din l-attivita'.

51.5.13 E-mail mingħand Thomas Zammit, PRO f'isem it-tim tal-organizazzjoni tal-musical 'Otto Settembre', li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' li ser issir nhar il-Ħadd 28 ta' Awwissu 2022 bi spiża li tammonta għas-somma ta' € 1500.

Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi deċiża ġaladarba jkollna t-talba uffiċjali mingħand l-Arċipriet skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kumitat Organizattiv qed jitlob ukoll li bejn it-22 u d-29 ta' Awwissu 2022, il-pjazza tal-Mitħna u t-toroq li jmissu magħha jingħalqu totalment għat-traffiku minħabba l-armar tal-palk, il-provi u ż-żarmar.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-Kumitat Organizzattiv jakkwista l-permessi kollha neċessarji mingħand l-awtoritajiet kompetenti, inkluż Transport Malta.

51.5.14 Ċirkulari numru 063/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Żjara mill-President tal-Kunsill Ewropew 22/07/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.15 E-mail mingħand Marica Borg, Segretarja tal-Għaqda Kumittiva Għawdex, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2022. Is-somma mitluba hija ta' € 500.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 300.

51.5.16 Ċirkulari numru 064/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Group Life Policy – Membri Eletti'. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-polza ta' assikurazzjoni.

51.5.17 Ċirkulari numru 065/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'DiGY Multiplier Event by Aġenzija Żgħażagħ'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.18 E-mail mingħand Jessica Rae Bonello li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Kunċert mużikali bit-tema 'Sempre Vivo' li ser isir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2022 fi Pjazza Il-Vitorja.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 3500.

51.5.19 E-mail mingħand Ana Garcia, rappreżentanta tal-kumpanija 'Alternative Technologies Limited', li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin bi prodott ġdid ta' *solar tiles* għall-pjazez tal-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.20 Ċirkulari numru 066/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Summer Event 05/08/2022'. Dawk interessati li jattendu għal din l-attivita' għandhom jirreġistraw sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.21 Ċirkulari numru 067/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'SeedGreen Programme – request for promotion'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.22 E-mail mingħand Dr. Deborah Camilleri, *head* ta' Transport Malta, li fiha qed titlob lill-Kunsill sabiex jikkonsidra li jsiru numru ta' *speed calming measures* fi Triq Knisja. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha titħalla fil-kompetenza ta' Transport Malta.

51.5.23 E-mail mingħand Thomas Xerri ta' *Xerri's Landscaping Co. Limited* li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra jekk hux ser iġedded il-kuntratt ta' manutenzjoni fuq il-*pots* tal-Pjazza li jiskadi fil-31 ta' Lulju 2022. Il-Kunsill qabel li għandu jġedded dan il-kuntratt sat-30 ta' Settembru 2022.

51.5.24 E-mail mingħand Miriam Schembri, *Senior Manager* tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, li fiha qed titlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex isiru s-sessjonijiet ta' 'Aqra Miegħi' fil-librerija pubblika tax-Xagħra kull nhar ta' Erbgħa mis-27 ta' Lulju 'l quddiem mill-10.30am sal-11.30am. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

51.5.25 E-mail mingħand DJ Gianni, *Chief Executive Officer* tal-kumpanija *Jugs Malta*, li fiha qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ikun jista' jsir *team building event* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra matul ix-xahar ta' Settembru 2022. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba sakemm l-attivita' ma tinvolvix tisjir fuq il-bajja.

51.5.26 E-mail mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu (MTA) li fiha qed titlob il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir sessjoni ta' *filming* nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022 mill-4.00pm sal-5.00pm fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

51.5.27 Ċirkulari numru 068/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Post Vakant – Uffiċjal Eżekuttiv AKL Skala 13'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.28 Ċirkulari numru 069/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Malta Dementia Society – Attivitajiet fil-Komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.29 E-mail mingħand Michelle Calleja Gafa', rappreżentanta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex bil-*Lifelong Learning Courses 2022-2023*. Applikazzjonijiet qed jintlaqgħu mir-residenti bejn il-Ħamis 14 ta' Lulju u l-Ħamis 11 ta' Awwissu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.30 Ċirkulari numru 070/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.31 Ittra mill-Kumitat tax-*Xagħra United Football Club* li fiha dan il-Kumitat qed jitlob permess mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jinstalla

*automated vending machine* fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

51.5.32 Ċirkulari numru 071/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficking in Persons 30th July 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.33 Ittra mingħand Dun Joseph Bajada, Rettur tal-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra f'attivita' soċjo-kulturali li ser tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu 2022 fil-Pjazza tan-Nazzarenu.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 300.

51.5.34 Ċirkulari numru SPI/SCI/8/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022'.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema ta' finanzjament sabiex norganizzaw sessjoni ta' *carol singing* fi Pjazza Il-Vitorja nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2022 wara l-Quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena tal-Milied. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu lil *Father Christmas* iqassam il-presepji lit-tfal li jipparteċipaw.

51.5.35 Ċirkulari numru SPI/SCI/7/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Espressjoni ta' Interess – *World Cleanup The World Campaign* 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.36 Ċirkulari numru 072/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.37 Ittra mingħand il-Kumitat Organizzattiv tal-Maratona Annwali ta' Għawdex li fiha dan il-Kumitat qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-Maratona Annwali li din is-sena ser issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Settembru 2022

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 2500.

51.5.38 E-mail mingħand Francesco Grech, *cultural officer* fir-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex bl-introduzzjoni tal-Istrateġija Kulturali t'Għawdex li ser issir waqt ċerimonja nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju fl-10am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.39 Ittra mingħand Joseph Bajada, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Kunċert mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina li ser isir nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2022.

Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi deċiża ġaladarba jkollna t-talba uffiċjali mingħand l-Arċipriet skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

51.5.40 Ċirkulari numru 073/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kors ta' Taħriġ – Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi 17/09/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.5.41 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Joseph Zammit għal *survey* tal-ġnien pubbliku faċċata tal-Mitħna Ta' Kola. Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 320 VAT eskluża. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

*Il-Viċi Sindku Aaron Agius irtira mil-laqgħa fis-7.00pm.*

**51.6 Ilmenti mir-residenti**

51.6.1 Talba mingħand Alexander G. Farrugia ta' Triq Kortoll sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar mal-kantuniera li tagħti għal fuq it-trejqa li tinfed bejn Triq il-Knisja u Triq il-Kortoll. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.2 Talba mingħand John Farrugia ta' 93, 'De Maria', Triq Ta' Ġorf, sabiex (a) Triq Ta' Ġorf issir *one-way* għat-traffiku u (b) isiru sinjali li jipprojbixxu l-

ipparkjar faċċata tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Dan peress li t-triq hija dejqa ħafna u jekk ikun hemm vettura ipparkjata hemmhekk, hu qed ikollu diffikulta' biex joħroġ il-vettura mill-garaxx tiegħu.

Rigward it-talba (a), il-Kunsill qabel li din għandha tiġi deċiża aktar 'il quddiem. Rigwad it-talba (b), il-Kunsill qabel li għandna nressquha għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.3 Talba mingħand Tony Attard ta' 'Jernic Court', Triq Kortoll, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.4 Talba mingħand Francine Grech ta' 148, Triq it-28 ta' April 1688, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.5 Talba mingħand Lucy Galea ta' Triq Marsalforn sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u l-isqaq fl-istess triq fejn toqgħod hi. Dan peress li xi sewwieqa qed iħallu l-vetturi ipparkjati hemmhekk u huma qed ikollhom diffikulta' biex jidħlu fl-isqaq residenzjali tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.6 Talba mingħand Mary Xerri ta' Triq Ġnien Xibla sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza ta' missierha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.7 Talba mingħand Anthony Gauci ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm quddiem ir-residenza tiegħu. Dan peress li hu mhux qed ikun jista' jipparkja quddiem tiegħu stess. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.8 Talba mingħand Miriam Attard ta' 3, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono c/w Triq Jannar, sabiex issir bankina ġdida kif approvata fl-applikazzjoni

PC/00141/18 f'Novembru 2021. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-attenzjoni tad-Direttorat tal-Manutenzjoni fil-Ministeru għal Għawdex.

51.6.9 Talba mingħand Joseph Refalo ta' 'Highlands', Triq Marsalforn, sabiex issir *traffic management plan* għal Triq Masri li tkun tinkludi pjanta bil-kaxxi tal-*parking*. Il-Kunsill innota din it-talba.

51.6.10 Talba mingħand Doreen Sultana ta' Triq Marsalforn sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-garaxx tar-residenza tagħha. Din it-talba qed issir peress li din il-parti tat-triq hija dejqa u jekk ikun hemm vetturi ipparkjati hemmhekk, hi ikollha diffikulta' biex toħroġ il-vettura tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.11 Talba mingħand Joe Tanti ta' Triq Parisot sabiex titwaħħal *stand* tal-*basketball* fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill aċċetta din it-talba u ser naraw fejn l-aħjar li titwaħħal.

51.6.12 Talba mingħand Eric Formosa ta' Triq Jannar sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.13 Talba mingħand Rachel Ebbleston ta' 'Gallarija Court', Triq Ta' Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.14 Talba mingħand Xavier Tabone, Direttur ta' *Baron Group of Companies*, sabiex jitneħħa wieħed mill-parkeġġi li hemm fi Triq il-Ġebla ta' Sansuna. Din it-talba qed issir peress li qed ikun hemm diffikulta' meta jkun hemm żewġ vetturi ipparkjati hemmhekk minħabba l-fatt li t-triq hija dejqa ħafna. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.15 Talba mngħand Chantelle Marie Camilleri ta' 'Bambina Court', Triq Għonqa, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.16 Talba mingħand Vincenza Apap ta' 95B, Triq Ta' Ġorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.17 Talba mingħand Joseph Hili ta' Triq Marsalforn sabiex issir *traffic management plan* għal din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara pjanta li tkun tista' titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.18 Talba mingħand Salvina Pisani ta' N.B., Triq Ta' Karkar, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.19 Talba mingħand Richard Farrugia ta' Sqaq fi Triq l-Għejun sabiex jitwaħħlu żewġ *bollards* li jkunu jinqalgħu quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li xi vetturi qed jibqgħu deħlin fil-bankina. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.20 Talba mingħand Tarcisio Galea ta' 'Mountain Lodge', Triq l-Għejun, sabiex issir *Keep Clear* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.21 Talba mingħand Andrew Cassar ta' 'Hill Crest', Triq Ta' Brieret, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

51.6.22 Talba mingħand l-Għaqda tal-Armar 1973 li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali jħallas *pellet* ilma għall-membri tagħha waqt ix-xogħol tal-armar tat-toroq għall-festa ta' Marija Bambina. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

**51.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

51.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

51.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**51.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

51.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**